MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 899/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**Vs**

Angelo Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Angelo Grech ta' karta ta' identita' numru 975046(M) akkuzat talli:

Fis-19 ta' Settembru, 2000 u fis-snin ta' qabel, fil-fond Milord Concrete Plant, Triq San Leonardu, Xghajra, bhala detenur tal-imsemmi fond jew bhala l-persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm50 u anqas minn Lm500 (Lm387.13) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

2. Ghamel hsara jew kisser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni f'din l-ewwel udjenza meta nqratlu l-akkuza fl-liema ammissjoni hu baqa jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza hi fuq serq ta' kurrent elettriku u hsara volontarja lill-meter.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat l-akkuzi ghandhom jittiehdu bhala li gew pruvati.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 270, 271, 279, 280, 326(c) u 17 tal-Kap 9.

Issib l-imputat hati tal-akkuzi kif ammessi u tenut in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat gja hallas l-import li kien dovut lill-Korporazzjoni tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett xhur mill-lum bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------